MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 5/2011

Kercem Ajax Football Club

vs

Nikola Petrovic

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-21 ta' Marzu 2011, li jaqra hekk :-

'Jghid il-konvenut 'l ghala dana l-Onorabbli Tribunal m'ghandux jikkundannah ihallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), rapprezentanti ammont dovut mill-istess konvenut lill-attur skont ma jipprovdi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fid-29 ta' Jannar 2009, u liema ammont il-konvenut qieghed ghaldaqstant jiddetjeni *sine causa*, u dana kollu kif ser jigi ampjament ppruvat fil-mori ta' dina l-procedura ;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata t-12 ta' Mejju 2010, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-7 ta' Lulju 2011, eccepixxa :-

'Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta' Nikola Petrovic stante li mhuwiex minnu illi huwa ghandu jhallas l-ammont ta' €2,500 mitlub mill-attur, u dan kif jigi ppruvat ampjament fil-mori ta' din il-kawza.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha u d-dokumenti esibiti ;

Ra d-dikjarazzjoni tal-konvenut verbalizzata fl-udjenza tal-bierah, 18 ta' Ottubru 2011, li biha ammetta t-talba atrici, u giet ipprezentata wkoll nota f'dana is-sens ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ghar-ragunijiet spjegati fl-avviz tat-talba u kif gew konfermati mix-xhieda tad-dirigenti tal-klabb attur u sottratti mid-dokumenti esibiti senjatament il-kuntratt li gie ffirmat bejn il-partijiet markat dokument JP1, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' l-istess talba tal-klabb attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-klabb attur s-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), bl-imghaxijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------